# Xogħol u faqar tal-Qassisin tul is-Sekli

*minn Guido Lanfranco*
**użat bil-permess tal-awtur**

*Artiklu deher għall-ewwel darba fil-Programm tal-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura maħruġ mill-Għaqda Mużikali Marija Assunta, Gudja, fl-2008*

Meta f'Malta kien jirrenja l-Ordni ta' San Ġwann il-Maltin kienu qishom qed jgħixu fi knisja. Il-Kavallieri kienu ordni reliġjuża, l-Isqof kien il-kap tad-djoċesi ta' Malta u l-Inkwiżitur kien jgħasses fuqhom it-tnejn u fuq kull aspett tar-reliġjon. Dawn it-tlieta kienu bħallikieku tliet mexxejja separati u t-tlieta kellhom il-qorti u l-ħabsijiet tagħhom separati. Minbarra hekk it-tlieta kienu taħt id-deċiżjonijiet tal-Papa. F'dak iż-żmien meta kollox kien isir f'atmosfera ta' knisja ma setax jonqos li kien l-aħjar li fiħ jikber malajr l-għadd ta' saċerdoti fl-ordnijiet reliġjużi u l-kleru djoċesan bir-riżultat li, iddur fejn iddur, il-Maltin kienu taħt il-kontroll sħiħ tal-Knisja f'kull ħaġa li jgħidu u jagħmlu.

Ukoll meta l-Kavallieri spiċċaw minn Malta flimkien mal-Inkwiżizzjoni meta daħlu l-Franċiżi ta' Napuljun u ġew l-Ingliżi jikkontrollawhom, Alexander Ball f'rapport tal-1801 qal li l-Maltin jgħixu fit-twemmin u drawwiet tar-reliġjon tagħhom u kieku Napuljun ma bediex biex jisirqilhom mill-knejjes u jrażżnilhom il-Knisja, kieku ma kinux jirvellaw kif għamlu u kienu saħansitra lesti li jaċċettaw lill-Franċiżi wara li ttradewhom il-Kavallieri li ma ddefendewx lil Malta. Ball kompla jgħid li l-Maltin kienu influwenzati wisq mill-Knisja u l-amministrazzjoni Ngliża għandha toqgħod b'seba' għajnejn kif timxi.

**<u>Is-Saċerdoti tal-Ordni ta' San Ġwann u tal-Kapitlu tal-Katidral</u>**

Fl-Ordni kien hemm għadd kbir ta' ekkleżjastiċi involuti fil-ħafna ċelebrazzjonijiet u attivitajiet liturġiċi. Kienu jitħallsu mill-fondi tal-istess Ordni. Kull darba li kien jinħtieġ jintgħażel Isqof ġdid kien jintgħażel wieħed minnhom. Kellhom il-Gran Prijur, Viċi Prijur, Prijur tal-Flotta, kappillani u retturi tad-diversi knejjes tal-Ordni, fit-taqsimiet varji tal-palazz tal-Gran Mastru, fil-bereġ u fl-isptar u oħrajn imdaħħla f'xogħol diplomatiku u amministrattiv. Kien hemm id-drawwa li xi familji jisfurzaw lil binhom isir qassis, speċjalment il-familji nobbli jekk jaraw il-possibiltà li jsir kappillan tal-Ordni ta' San Ġwann. Wieħed Alessandro Grech Cumbo, fl-1768, kien sfurzat mill-familja, bil-koperazzjoni tal-Gran Mastru, biex sar kappillan tal-Ordni kontra r-rieda tiegħu. Kien ukoll kiteb lil Pinto biex ma

**jkompliex, imma Pinto xeħtu l-ħabs f'Sant'Iermu minn fejn ħarab, mar għall-kenn fil-knisja ta' San Ġakbu, imma reġa' ttieħed il-ħabs. Ħarab mill-ġdid u sab kenn fil-knisja ta' Sant'Anna fl-istess fortizza. Inqabad u tqiegħed iżolat f'ċella taħt l-art. Reġa' rnexxielu jaħrab u mar għall-protezzjoni tal-Inkwiżitur. Wara ħafna korrispondenza wkoll ma' Ruma, fl-aħħar inħeles imma ġie eżiljat minn Malta.**

**<u>Is-saċerdoti tal-kattidral u tal-ibliet</u>**

**Is-saċerdoti jew ekkleżjastiċi taħt il-ġurisdizzjoni tal-isqof kienu l-Kapitlu tal-Kattidral u l-qassisin tal-ibliet u l-irħula. Il-Kapitlu kien igawdi ħafna benefizzi, legati u ħlasijiet oħra li jitħallsu mill-katidral. Dawn kienu jiġu minn artijiet li tħallew apposta mis-sinjuri biex jitgawdew mill-membri tal-Kapitlu, u kien hemm min jaspira għal hemm.**

**L-ambjent fl-ibliet kien differenti minn dak tal-irħula żgħar tal-kampanja l-aktar għaliex kien hemm aktar possibiltà li jsibu sinjuri li jħallsu tajjeb. Minbarra hekk kien hemm qassisin li huma stess kienu ġejjin minn familji sinjuri, u għalhekk kienu igawdu benefizzi tal-familja.**

**Uħud minnhom saħansitra kellhom l-iskjav jew skjava, bħalma kellhom dawk kollha tat-tajjeb, li kienu jinbiegħu u jinxtraw bħal oġġett ieħor. Jissemma' wkoll il-kappillan ta' Birkirkara li fis-seklu sbatax kien biegħ l-iskjav tiegħu.**

**Għadd ġmielu kienu jidħlu jew idaħħluhom qassisin djoċesani biex ikunu taħt il-ġurisdizzjoni tal-isqof u b'hekk ikollhom xi privileġġi, fosthom li jiffrankaw ċerti obbligi ċivili bħal għassa obbligatorja skont il-bżonn, taxxi u bħal immunità ekkleżjastika biex f'każ ta' nuqqasijiet jiġu mixlija fil-qorti tal-Isqof u mhux tal-Ordni. Fl-enċiklopedija tiegħu tal-1644 Domenico Magri jgħid li, skont il-Kongregazzjoni tal-Kardinali, l-għadd ta' qassisin fid-djoċesi m'għandux ikun akbar milli jkun hemm bżonn. Qal ukoll li f'Malta kien hawn l-abbuż li l-maġġoranza li jsiru qassisin kienu jagħmlu hekk biex jiskansaw dmirijiet u taxxi lajċi.**

**Fuq kollox ħafna kienu jibdew it-triq tas-saċerdozju billi jirċievu t-tonsura mill-Isqof imma jieqfu fl-ewwel stadju ta' kjeriku bla ma jkomplu l-kors, għaliex ma kinetx tkun vokazzjoni imma mezz kif jidħlu taħt il-protezzjoni tal-Isqof u, bħal qassisin, jiffrankaw ċerti obbligi. Mhux biss, imma l-isqfijiet lokali kienu jaċċettaw li dawn jagħmlu hekk ukoll minn età żgħira ta' seba' snin 'l fuq u jistgħu jiżżewġu waqt li jkunu kjeriċi. Dan kien abbuż li xekkel l-amministrazzjoni tal-Ordni f'każi**

**ta' difiża għax il-kjeriċi jiskansaw l-għassa u dmirijiet ċivili oħra. Jidher li fl-1638 kien ħawn 216 qassis, 644 kjeriku ċelibi u 280 kjeriku miżżewweġ.**

**L-għadd u l-faqar tal-qassisin**

**Fil-medju evu ftit kien hawn qassisin. Fir-*Rollo* tal-Isqof Senatore de Mello tal-1436, fejn ġew elenkati l-qassisin u l-benefizzi li kienu jgawdu f'Malta u Għawdex, jidher li kien ħawn biss 29 qassis u 16 minnhom kienu fl-Imdina, għalhekk ma jidhirx li n-nies tal-kampanja kienu moqdijin tajjeb. Monsinjur Pietro Dusina fl-1575, meta ġie bħala Viżitatur Appostoliku biex jirrapporta fuq Malta u Għawdex, sab li kulħadd, qassis jew abitant, kien fil-faqar, fil-ġuħ, jgħix fi djar ċkejknin mibnijin kemm wieħed jiddobba, u f'biżgħa kontinwa mill-furbani. Kemm-il darba l-qassisin, bħal individwi oħrajn, kienu jaqgħu irsiera f'idejn il-furbani li kienu jżommuhom sakemm il-familjari tagħhom jifduhom. Ħafna minnhom ma kien jifdihom ħadd u jibqgħu imjassra, imma oħrajn kienu jsibu l-għajnuna, bħalma ġara, bħala eżempju, lil Dun Ġwann Borg ta' Birkirkara li kellu jbiegħ parti mill-patrimonju tiegħu. Imma meta ġie lura sab li ma jistax iqaddes għax, skont ir-regoli ta' żmienu, ma kellux patrimonju li kien mitlub mill-Knisja biex wieħed jista' jkollu d-drittijiet ta' qassis.**

**Qassisin li ma kellhomx benefizzju kienu jaqalgħu xi ħaġa billi jaħdmu fix-xogħol jew negozju tal-familja, jgħallmu l-iskola jew jaraw x'jivvintaw. Dusina kien sab, fil-viżta tiegħu tal-1575, bħala eżempju, qassis minn Ħaż-Żebbuġ li kien jagħmel iċ-ċombini għall-bejgħ, u ieħor, fil-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Għawdex, li kien jaħdem ta' nutar. Fl-1657 xi ħmistax-il qassis kienu rrappurtati lill-Inkwiżitur għax kellhom xogħol jew negozju ieħor imma sakemm kien xogħol onest l-Inkwiżitur ma ħa l-ebda passi kontrihom. Fl-1779 lil żewġ qassisin irrappurtawhom lill-Inkwiżitur għax kienu qed joħorġu jaħdmu fl-għalqa ħafjin u mingħajr suttana, imma nstab li kellhom xi karta mill-Monarkija ta' Sqallija li tippermettilhom jagħmlu dan. Ma kien hemm l-ebda kordinazzjoni bejn il-mexxejja ta' Malta, jiġifieri l-Gran Mastru, l-Isqof, l-Inkwiżitur u Viċi Re ta' Sqallija, u kull wieħed kien jaġixxi għar-rasu b'dannu għall-awtorità tal-oħrajn.**

**Il-qassisin tal-irħula u l-kampanja kienu bosta, imma l-ambjent tagħhom kien fqir u huma kienu jibqgħu ukoll foqra għax iridu min-nies. In-nies, mill-faqar tagħhom, kienu jikkontribwixxi kif jistgħu mill-uċuħ tar-raba', inklużi l-*primizzi* jew l-ewwel frott tal-istaġun, skont id-drawwa. Dusina fl-1575 kien sab qassisin foqra li bilkemm setgħu jixtru suttana jew brevjarju. Fir-rapport tiegħu tal-1649, l-Isqof**

Balaguer jgħid li kien hemm 20 kanonku, 422 qassis, 347 kjeriċi ċelibi u 226 kjeriċi miżżewġin. F'Ħaż-Żebbuġ, fl-1747, għall-popolazzjoni ta' 3700 kien hemm 62 qassis. F'Ħal Għaxaq, f'xi żmien fis-seklu tmintax, kien hemm popolazzjoni ta' 900 ruħ u 22 qassis. Meta fl-1787 Birkirkara kellha popolazzjoni ta' 4000 ruħ, kien hemm 45 qassis, 9 kjeriċi ċelibi u kjeriku miżżewweġ.

Minħabba l-faqar bosta qassisin la setgħu jħallsu tobba jew mediċini u lanqas ikollhom difna xierqa. Minħabba f'hekk kienu ffurmaw għaqdiet jew sodalità tal-kleru taħt l-isem ta' *Sodalità dei Preti* f'diversi parroċċi biex, bil-miżata ċkejkna li jħallsu bejniethom u donazzjoni minn xi benefatturi kienu jkunu jistgħu jgħinu 'l xulxin fil-bżonn u joffru quddies għall-imsieħba wara mewthom. Il-Belt, fil-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt iffurmaw il-*Veneranda Sodalità dei Preti* fl-1664.

Billi dawn il-qassisin kienu numerużi, s-Sinodu tal-1703, biex jillimita n-numru ta' saċerdoti, kien stabbilixxa li kull min kien fi ħsiebu jsir qassis kellu l-ewwel jistabbilixxi xi benefizzju li jirrendi mill-inqas 45 skud. Għalhekk, dawk li ma kellhomx mezzi tagħhom jew tal-familja ma setgħux isiru saċerdoti. F'nofs is-seklu tmintax, bħala eżempju, Għawdex kien hemm 1670 qassis f'popolazzjoni ta' 76,000. Il-Papa fl-1777 kien ordna li kullimkien jitnaqqsu l-privileġġi tal-kleru u ma jingħatawx tonsura daqshekk faċilment. Matul iż-żmien komplew isiru aktar kundizzjonijiet biex isiru qassisin inqas u aħjar.

Fl-1810 il-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex kienet 87,519 u qassisin kien hemm 571. Wara aktar minn 160 sena, fl-1974, il-popolazzjoni kibret għal 314,960 u l-qassisin niżlu għal 468.

Ġenerlment qassisin li jordnaw ġodda jibdew servizz fil-parroċċa jew raħal tagħhom, imma f'parroċċa ġdida bħalma saret dik ta' San Sebastjan ta' Ħal Qormi kien kmieni wisq biex ikollhom qassisin mill-istess parroċċa. Għalhekk fl-1954 ma kellhomx biżżejjed biex imexxu. Il-parruċċani għamlu talba lill-Isqof biex it-tmexxija tal-parroċċa tittiehed mid-Dumnikani, imma din ma ġietx aċċettata.

<u>Benefizzi, fondazzjonijiet</u>

Fil-Medju Evu, bosta benefizzi u legati kienu jgawduhom qassisin barranin bl-intriċċi li jsiru Sqallija li magħha kienet Malta, u qassisin fl-irħula baqgħu fil-faqar. Dak iż-żmien il-Knisja f'Malta kienet f'anarkija sħiħa u kienu jsiru abbużi ta' kull xorta mill-qassisin lokali u barranin għax l-isqfijiet qatt ma kienu Malta imma

jamministraw minn Palermo. Fost l-abbużi jidher li kien hawn qassisin bil-konkubina. Dan l-abbuż jidher li kien mifrux sewwa fil-Medju Evu u fl-ewwel żminijiet tal-Ordni. Hekk jagħtuk x'tifhem uħud mill-kundizzjonijiet tal-legati u testmenti favur qassisin kif jidher f'dawn l-eżempji ta' testmenti f'Għawdex: Fl-1446 Michael Cadumi ħalla art lill-Donnus Nicolaus de Guarrerio bil-patt li ma jżommx konkubina pubblikament, u warajh igawdu qassisin oħra u jagħmlu quddies għal ruħu. Jekk ma jsibux qassis mingħajr konkubina l-art terġa' tmur għand tal-familja tat-testatur. Fl-1465 Antonio de Naso ħalla art benefizzju lill-kjeriku Paulus Jurubutino biex meta jordna saċerdot ikun obbligat iqaddes darbtejn f'ġimgħa għal ruħ it-testatur; warajh igawdu tliet qassisin foqra basta jkunu ta' ħajja onesta. Tħalliet art (1516) lil D. Gualterius de Federico sakemm iżomm il-vokazzjoni ta' qassis u jqaddes għaliha fil-Matriċi. Fl-1506 Soru ħalliet art lin-neputi bil-patt li jżomm il-vokazzjoni ta' qassis u jqaddes għal ruħha. Wieħed ieħor ħalla art lil D. Johannes Theuma fl-1510 basta jgħix ħajja onesta u joffri quddies għar-ruħ it-testatur; warajh kellha titgawda mill-ifqar qassis Għawdxi.

<u>Ħlasijiet lill-qassisin</u>

Quddiem il-Viżitatur Appostoliku Dusina fl-1575 diversi qassisin, fosthom kappillani, qalu xi dħul kellhom bħala ħlas ghas-servizzi tagħhom. Il-kappillan tas-Siġġiewi, bħala eżempju, qal li kien iqaddes fil-festi u nhar ta' Tnejn bla ħlas. Għall-qrar, tqarbin u l-aħħar Sagramenti kienu joffrulu karlin jew tarin. Għat-tqarbin in-nies kienu jġibu x-xemgħa tagħhom, imma meta riedu offrielhom waħda għall-ħlas ta' dinar. Biex jiżen lit-trabi u jaqralhom fuq rashom kienu jagħtuh tiġieġa jew żewġ ħobżiet u ftit inbid. Għad-difna jirċievi 3 tarini, 3 oħra għall-isqof u 5 tarini għall-kleru . Kien iżomm il-fdal tax-xemgħa u jaghti ftit minnu lill-isqof. Fiż-żwiġijiet kien jirċievi 5 karlini, ħobża u ġarra nbid. Fil-festi, waqt il-bews tal-istola tiegħu, kienu joffrulu donazzjonijiet li hu kien juża għall-fqar u għaż-żejt tal-lampier. Il-komunità tal-Għargħur ma kellhomx qassis għalihom u quddiem Dusina offrew li jagħtu sehem qoton jekk jaqdihom qassis min-Naxxar.

F'Ħal Qormi ma kienx hemm viċi parroku u n-nies gergru għaliex meta l-kappillan kellu qadjiet band'oħra s-Sagramenti kienu jinżammu lura. Għall-magħmudija l-kappillan kien jieħu karlin, għall-kunsens kienu jagħtuh tiġieġa u għaż-żwieġ 6 karlinijiet. Biex iqaddes fil-festi barra mir-raħal kien jitħallas 3 irbiegħi. Għad-dfin kienu joffrulu 3 tari, u tarin jekk jakkumpanja 'l mejjet sal-qabar.

F'rapport li l-Isqof bagħat lill-Papa għall-ħabta tal-1622, intqal li xi parroċċi kienu jmexxu biss bl-ewwel frott, skont id-drawwa tal-bdiewa, u l-karità li jagħtu l-parruċċani, fosthom Birkirkara, Naxxar, Bir Miftuħ (Gudja), Żurrieq, Bisqallin (Żejtun), Qormi, Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi. Meta jinqala' temp u staġun ħażin l-ewwel frott ma kienx jingħata. Xi kappillani foqra ma kinux jagħtu ċerti servizzi jekk jafu li ma jkunux se jirċievu biex jippressaw lin-nies iħallsu. Biex jiffrankaw xi ftit flus, saħansitra xi qassisin kienu jinqdew bis-servizzi ta' xi skjavi Misilmin għax dawk kienu jitolbu inqas. L-Inkwiżitur kien ukoll perjodikament jagħti xi ħbejżiet u ftit inbid lill-patrijiet tal-kunventi foqra.

__L-Irvell tal-qassisin__

Kien żmien ta' konflitt bejn il-Knisja lokali u t-tmexxija tal-Ordni ta' San Ġwann. Din l-istess Ordni kellha diffikultajiet finanzjarji serji u saret aktar ingombru u piż għall-Maltin milli għajnuna. Dan kollu żamm lill-poplu fil-għaks u t-tbatija. Grupp ta' qassisin, fosthom jissemma' Gejtanu Mannarino, xewxu lin-nies kontra l-Ordni u ppjanaw biex jeħilsu mill-ħakma tal-Kavallieri. Fil-lejl bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 1775 grupp ta' 24 qassisin, kjeriċi foqra u xi sekulari għelbu l-gwardja ta' Sant'Iermu, daħlu u sakkruħom f'ċella. Grupp ieħor miftiehem għamel l-istess ħaġa fit-tarf l-ieħor tal-Belt. Fuq iż-żewġ fortizzi tellgħu l-istandardi bojod u ħomor imberfla bid-deħeb, tal-Kunsill Popolari, biex juru li kienu qamu kontra l-Ordni ta' San Ġwann għax kienu ilhom jitgħakksu u jsofru l-faqar minn tmexxija ħażina. Sparaw xi tiri ta' kanun lejn il-palazz imma mingħajr effett. Stennew li kellhom warajhom lil sħabhom ta' barra l-Belt li kellhom jidħlu jgħinuhom meta jisimgħu it-tiri tal-kanun, imma dawn ħallewhom waħedhom. Il-Kavallieri ġabru l-Milizja qrib il-palazz biex jorganizzaw ruħhom u l-Isqof ipporva jipperswadi lir-ribelli biex iċedu. Fl-aħħar il-Milizja għelbithom. Minflok ġew mixlija quddiem l-Isqof kif kien mistenni f'dak iż-żmien, ittieħdu quddiem il-Gran Mastru u l-qorti tiegħu. Wara ftit li nqabdu lil Mannarino u lill-kjeriku Ġużeppi Dimech xeħtuhom il-ħabs għal għomorhom u oħrajn ġew eżiljati, imma Dun Ġużepp Valesi u żewġ ribelli oħra ġew kundannati għall-mewt. Lill-dawn qatgħulhom rashom u waqqfuha fuq is-swar. Waqt dan kollu l-poplu ma ħa l-ebda parti fil-biċċa u kollox baqa' għaddej. Jidher li Mannarino qal li mhux hu mexxa r-rewwixta u jidher ukoll li spiċċa biex kixef l-ismijiet tar-ribelli l-oħra. Fil-waqt li qed nitkellmu dwar din ir-rewwixta vjolenti hekk imsejħa "Tal-Qassisin" naħseb li tidher ċajta jekk infakkar li, fit-13 ta' Ottubru 1906, il-qassisin għamlu *strike* biex ikollhom żieda ta' *sixpence* fil-ħlas għall-quddies!